# FAQAR VERU U FAQAR FALZ

LORENZA BONNICI CALI'

Fil-harga ta' l-Innara ta' l-1984, jien kont ktibt dwar it-tejatru tat-tfal lill-esperjenza li kelli bhala tifla fil-Kumpanija Teatro La Stella li kellna z-zaghzagh f'Hal Tarxien, kif ukoll bhala direttrici tal-kumpanija tat-tejatrini tal-bniet li kellna fic-Circolu L-Annunziata ta' l-Azzjoni Kattolika fl-istess rahal, fejn meta kbirt kont fost l-ewwel imsehbin.

Fis-snin twal li domt f'dan ic-cirkolu, kelli esperjenzi ohrajn, u fosthom kelli niehu hsieb inqassam il-karita' lill-fqar tar-rahal. Ahna x-xebbiet tac-cirklu konna nahdmu kull xorta ta' hjata u xoghol iehor, biex inbieghu kollox b'risq il-fqar. Ahna konna nafu sewwa min veru kellu bzonn ta' ghajnuna, u konna niehdu gost inqassmu l-'parcels' bil-gid li Alla kien jibghat, fosthom tigieg, gobon, zokkor, u bottijiet tal-halib, ghall habta tal-Milied u ta' l-Ghid il-Kbir.

Kienu wkoll waslulna regolamenti mill-ufficcju centrali biex juruna kif ghandna nqassmu u niktbu l-ismijiet tal-familji li kienu japplikaw ghall-ghajnuna, izda b'dan kollu dejjem kien jinqala xi saram, ghax xi nies wicchom tost, u kulhadd kien jigi jinkiteb, ukoll dawk li ma kellhomx bzonn, jilghabuha tal-fqar. Darba gietni f'idi karta minn ghand familja ta' ghaxar minn-nies, ghax ghalkemm veru li kienet numeruza, izda kellhom razzett kbir fejn kienu jrabbu jrabbu tnax il-baqra u kellhom ghadd ta' moghoz, tigieg u annimali ohra. Dik il-habta konna sejrin inqassmu tigiega l-kull familja, u meta tajna tigiega lill mara fqira tassew, din marret timla borma ilma minn fuq il-ghajn, u halliet it-tigiega fuq il-mejda, izda fl-istess waqt, dahal kelb tal-girien, hatfilha it-tigiega, u telaq jigri biha l-barra. Din wara giet tibki ghandi, biex naghtiha tigiega ohra, u billi kelli wahda fuq ir-rih tal-karta

li kont qattajt, tajtielha. Wara xi sieghn giet il-nara 1-bidv/ija l iriedet tigiega wkoll, u *mtx* riedetx tifima l ima kienx fadal, sakemm taghtna hasla kif taf hi, u telqot. Mur tiha tigiega, biex wara tnur tbieghha, filwaqt l itrabbi u tbiegh il-lnham ta[1] anrir.iali olirai

Ahna konna nqassnu wkoll hwejjeg tajbin uzati, l i konna nircievu wara it-teini gwerra dinjija, izda mhux kulhadd kien irid jilbes hwejjeg l i gew minn ghand hadd.iehor, u kienu jistenn ev/ xi lbiesi godda fjamanti bhal tal-hanut. Kien ukoll ikollna hwejjeg milbusin darba, bhal hwejjeg tat^teig u tal-precett, u nqassmuhom lil min konna nafu l iser jigi bzonnhom. Darba kont tajt libsa bajda bil-mant, kwazi gdidà lil wahda tifla l ikeinet waslet biex taghmel il-Grizma ta[1] 1-Isqof. u v/ara ftit gie missierha jghidli l ighalkemm fqira nhix ser tilbes hwejjeg wara haddiehor, u l igekk manistghax naghtih wahda gdida glial kollox, mantighha xejn. Makellix wahda gdida, ghalhekk huwa sabbat il-libsa mal-art u telaq il-barra; insomma, taghni il-grazzi.

Kelli bosta esperjenzi ohrajn f[1]dan ix-xoghol, u xi ftit minnhom tawni konsolazzjoni kbira, ghax rajt l il-ghajnuna l i konna naghtu lill-fqar kienet ukoll tigi apprezzat&Eiinn dawk l i tassew kienu fil-bzonn. Darba mort indur lill-foqra go dar horn stess f1-isqaqi jiet u fil-kmamar imwarrba fir-raba, u gbart l-ismijiet t^[1] min kien tassev/ fqir. Go zewgt-ikmamar sibt mara fuq sodda, b'tarbija tat-twelidf'idha u moghza marbutà mas-sodda biex x'hin trid tista' tahlibha; makellhiex ikel iehor, hlief hobza Euq il-mejda.Zewgha kien hareg kmieni ghax-xoghol, u 1-moghza lienet 1-uniku gid lì kellhom. Kiènet xena ta[f] faqar u sentiment familjari l imansejt qatt, u ghamilt kemm stajt biex nghin, ghax ir-ragel ftit kien isib. soghol.